# Imputati (proċeduri kriminali)

Malta

Dawn l-iskedi informattivi jispjegaw x'jiġri meta persuna tkun issuspettata jew akkużata b'delitt li jiġi ttrattat fil-qorti. Għal reati minuri tat-traffiku fit-triq, li s-soltu jiġu indirizzati permezz ta' penali fissa bħal multa, ara l-Link għall-Iskeda Informattiva 5. Jekk inti vittma ta' delitt, tista' ssib it-tagħrif kollu dwar id-drittijiet tiegħek hawnhekk.

**Sommarju tal-proċess kriminali**

Dejjem titressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Jekk titressaq taħt arrest, l-ewwel il-Qorti trid tiddeċiedi dwar jekk hemmx bażi legali biex tkompli tinżamm taħt arrest u mbagħad tgħarrfek li inti tista' titlob garanzija. Jekk ma titressaqx taħt arrest, inti tiġi notifikat bl-akkużi u bid-data meta trid tidher fil-qorti għall-ewwel smigħ.

Hemm tliet tipi differenti ta' proċessi quddiem il-qorti kriminali skont il-gravità tal-akkużi miġjuba kontrik:

**Proċeduri sommarji quddiem il-Qorti tal-Maġistrati**

Taħrika quddiem il-qorti

Każ tal-prosekuzzjoni mmexxi mill-Pulizija Eżekuttiva

Trattazzjoni tad-difiża

Sottomissjonijiet Finali

Sentenza

**Proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati wara l-ġbir ta' provi**

Taħrika quddiem il-qorti

Każ tal-prosekuzzjoni mmexxi mill-Pulizija Eżekuttiva u mill-Avukat Ġenerali

Trattazzjoni tad-difiża

Sottomissjonijiet finali

Sentenza

**Proċess quddiem il-qorti kriminali b'ġuri**

Eċċezzjonijiet preliminari u eċċezzjonijiet relatati mal-ammissibbiltà tal-provi

Qari tal-att ta' akkuża

Indirizz mill-Prosekuzzjoni

Trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni mmexxija mill-Avukat Ġenerali

Trattazzjoni tad-difiża

Replika mill-Prosekuzzjoni

Kontroreplika mid-Difiża

Għeluq

Verdett

Sentenza

Dettalji dwar dawn l-istadji kollha fil-proċess u dwar id-drittijiet tiegħek jistgħu jinsabu fl-iskedi informattivi. Dan it-tagħrif ma jiħux post parir legali u huwa maħsub biss bħala gwida.

**Rwol tal-Kummissjoni Ewropea**

Jekk jogħġbok, kun af li l-Kummissjoni Ewropea ma għandha l-ebda rwol fi proċeduri kriminali fl-Istati Membri u ma tistax tassistik jekk ikollok xi kwerela. F' dawn l-iskedi informattivi huwa pprovdut tagħrif dwar kif tagħmel kwerela u lil min.

**Ikklikkja fuq il-links ta' hawn taħt sabiex issib it-tagħrif li teħtieġ**

1 – Kif tikseb parir legali

2 – Id-drittijiet tiegħi matul l-investigazzjoni ta' delitt

Investigazzjoni

Arrest

L-ewwel smigħ tal-qorti

Tħejjija ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali tal-każ

Tħejjija tal-każ mid-difiża

3 – Id-drittijiet tiegħi matul il-proċess quddiem il-qorti kriminali

4 – Id-drittijiet tiegħi wara l-proċess quddiem il-qorti kriminali

5 – Reati tat-traffiku fit-triq

L-aħħar aġġornament: 20/01/2017

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

L-Istati Membri responsabbli għall-ġestjoni tal-paġni tal-kontenut nazzjonali huma fil-proċess li jaġġornaw xi ftit mill-kontenut fuq dan is-sit web fid-dawl tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea. Jekk is-sit ikun fih kontenut li għadu ma jirriflettix il-ħruġ tar-Renju Unit, dan mhux intenzjonat u se jiġi indirizzat.